# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Settembru 2024**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Noel Formosa**
**(KI 30671G)**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Settembru 2021 fil-konfront tal-appellat li ġie mixli (in suċċint) li f'Novembru 2010 u fix-xhur u snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, personalment u/jew fil-kapaċita tiegħu ta' kunsillier u/jew membru fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ikkommetta - bħala reat kontinwat fis-sensi tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali - ir-reati ta':
   (a) Truffa f'ammont ta' aktar minn €2329.37 għad-dannu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Gvern ta' Malta;
   (b) Approprjazzjoni indebita aggravata f'ammont ta' aktar minn €2329.37 għad-dannu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Gvern ta' Malta;
   (c) kompliċi fir-reat ta' min xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika sabiex tikseb vantaġġ għaliha jew għal ħaddieħor;
   (d) Li kkommettiet dawn ir-reati filwaqt li kienet uffiċjal jew impjegat pubbliku meta kellha tissorvelja biex dan ma jsirx jew li minħabba l-kariga tagħha kellha d-dmir li timpedixxi.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li rat l-atti u semgħet il-provi prodotti iddeċidiet li ssib lill-imputat appellat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u illiberatu minn kull ħtija u piena.

3. Fil-qosor ir-raġunijiet wara din id-deċiżjoni kienu:

a. Kwantu għar-reat ta' truffa, ma ġiex pruvat oltre d-dubju dettat mir-raġuni l-appellat aġixxa dolożament sabiex jiffroda lill-Kummissjoni Ewropea jew lil Gvern ta' Malta.
b. Kwantu għar-reat ta' approprjazzjoni indebita ma ġewx pruvati l-elementi ta' dan ir-reat fl-imġieba tal-appellat, anke peress li l-flus li kienu tħallsu mill-Kumitat tar-Reġjuni ma tħaslux taħt xi titolu kif irid l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali stante li ngħata rimbors għal spejjeż tal-vjaġġ li kienu ġew inkorsi sabiex l-appellat siefer fuq ix-xogħol li kien iwettaq.
c. Kwantu għall-kompliċita fir-reat ta' min xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika sabiex jikseb vantaġġ għalih jew għal ħaddieħor, għalkemm l-appellat verament preżenta *invoices* manwali lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-indikazzjoni li dawk l-*invoices* kienu jinkorporaw fihom il-prezz tat-titjira – mentri jirriżulta li dak ma kienx effettivament il-prezz li kien jitħallas għat-titjiriet in kwantu l-prezz imħallas kien ikun ġie skontat mill-Aġenzija tal-Ivjaġġar – irriżulta li l-ammont miżjud f'dawk l-*invoices* kien parti minn skema li, kif irriżulta mill-provi prodotti f'dan il-każ u mir-riżultanzi ta' każ prattikament identiku deċiż superjorment minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ian Micallef** fid-19 ta' Frar 2019 ma rriżultax li tali stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet kienu saru "xjentement" fis-sens li trid il-Liġi.

## C. L-APPELL INTERPOST MILL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

a. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;
b. Tħassarha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-ewwel, tielet u tar-raba' imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu u fejn illiberatu minnhom;
c. Minflok issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tielet u raba' imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu; u
d. Konsegwentement tgħaddi biex tinfliġġi l-piena idoneja skont il-liġi.

5. Fil-qosor, l-aggravji miġjuba mill-Avukat Ġenerali huma li:

a. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skartat l-istqarrija tal-appellat mingħajr ma għamlet l-analiżi meħtieġa u stabbilita mill-ġurisprudenza biex dik l-istqarrija tiġi ritenuta prova valida u ammissibbli f'dan il-każ;
b. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx korretta meta kkonkludiet li ma ġiex pruvat soddisfaċentement id-dolo fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. L-Avukat Ġenerali ssostni li l-*modus operandi* tal-appellat f'dan il-każ kien jintegra r-reat ta' truffa peress li l-*invoice* manwali li kienet tiġi preżentata għar-rimbors lill-Kumitat tar-Reġjuni kien fiha l-prezz li ma kienx jirrispekkja dak li kien jitħallas għat-titjira. Minkejja li l-appellat kien jaf li l-prezz tat-titjira kien dak li kien jidher "discounted" fuq il-*boarding pass* u mhux dak li kien jidher fl-invoice manwali, huwa xorta waħda kien jippreżenta l-*invoice* manwali bil-prezz għola għall-fini tar-rimbors. Għalkemm fix-xiehda ta' Ian Micallef irriżulta li din id-differenza kienet intiża li tagħmel tajjeb għal spejjeż amministrattivi dik il-Qorti ma emnitux. Kien għalhekk li l-ħolqien ta' dawn iż-żewġt dokumenti bi prezzijiet differenti kienet parti mill-messa in xena intiża li tiddefrawda lil Kumitat tar-Reġjuni. Infatti l-Qorti tal-Maġistrati stess kienet stqarret li dan il-*modus operandi* ma kienx wieħed korrett. Għalhekk ma setgħetx issib li f'dan il-każ ma kienx hemm id-dolo. Anke jekk dik il-Qorti setgħet ma sabitx dan il-*modus operandi* bħala messa in xena, madanakollu xorta waħda l-fattispecie kienu jintegraw ir-reat minuri tal-frode innominata.
c. Illi kwantu għall-liberatorja mit-tielet imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali ssostni li l-preżentazzjoni ta' *invoice* manwali bi prezz li ma kienx dak minfuq għat-titjira kienet prattika li saret diversi drabi. Din kienet indikazzjoni ċarissma li saret dikjarazzjoni falza u li l-appellat aġixxa *in mala fede* in kwantu kien jaf li dak id-dokument preżentat għal rimbors ma kienx qed jistqarr il-

verita. B’hekk irrenda ruħu kompliċi f’dikjarazzjoni falza biex iqarraq bil-Kumitat tar-Reġjuni. L-*invoice* manwali kienet allura tinkwadra ruħha fil-falz ideoloġiku in kwantu kienet tikkontjeni stqarrija li ma kienetx tikkorrispondi mal-verita.

d. Illi kwantu għar-raba’ imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali saħqet li ladarba l-ewwel u t-tielet reati imputati kellhom jitqiesu li ġew integrati, *multo magis*, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha wkoll issib ħtija fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

6. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

8. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

9. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha u anke jekk din il-Qorti ma tkunx neċessarjament taqbel magħha, allura din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet skont il-Liġi u l-fatti tal-każ tasal għal dik il-konklużjoni, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

11. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

12. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

13. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut,

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

16. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

17. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħati, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

[6] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

21. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-

prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

24. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

25. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

22. Fil-fatt fil-kawża ‘Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija’ il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta’ Jannar 1988 qalet hekk:
‘Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta’ depożizzjoni ta’ xhud dwar x’qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita’ ta’dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta’ dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).’

23.Ukoll fl-Ingilterra u f’Wales ir-regola tal-hearsay m’għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ‘ Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom’ tal-15 ta’ Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f’pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

26. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t’Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

27. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

28. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

29. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

30. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha

quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## F. IL-PARTI SPEĊJALI – ANALIŻI TAL-APPELL INTERPOST

31. Kwantu għall-ewwel aggravju, jirriżulta, anke mit-trattazzjoni li kienet saret fit-23 ta' Mejju 2023, kif jidher a fol 568, li f'dawk iż-żminijiet il-kwistjoni marbuta mal-ammissibilita ta' stqarrijiet lil Pulizija rilaxxjati minn persuni suspettati jew akkużati mingħajr id-dritt ta' assistenza legali sħiħa qabel u waqt l-għoti ta' dawn l-istqarrijiet kienet għadha minsuġa minn pronunzjamenti li kienu għadhom qegħdin jiżviluppaw u jikkonsolidaw ruħhom.

32. Is-sistema legali Malti ma jħaddanx id-dottrina tal-i *stare decisis*, iktar magħrufa bħala dik tal-preċedent li jorbot; għalkemm fid-deċiżjonijiet tagħhom Qrati tal-ewwel istanza jieħdu in konsiderazzjoni dak li jkun ġie deċiż mill-Qrati tal-Appell jew mill-Qorti Kostituzzjonali.

33. Inoltre, anke jekk din il-Qorti mhux neċessarjament kienet tasal għall-istess konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ dwar dan il-punt, ma jistax jingħad li l-konklużjoni tagħha ma setgħetx tkun waħda minn dawk il-konklużjonijiet li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom meta ħadet in konsiderazzjoni anke l-pronunzjamenti li kienu qegħdin isiru f'dawk iż-żminijiet mill-Qorti tal-Appell Kriminali jew mill-Qorti Kostituzzjonali.

34. Fil-kuntest tal-isfond tal-iżvilupp storiku-legali u ġurisprudenzjali fiż-żmien partikolari meta ġie deċiż dan il-punt, din il-Qorti ma tistax tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment u raġonevolment żbaljata li waslet għal dik il-konklużjoni. Naturalment iżjed ma żviluppat il-ġurisprudenza, iżjed il-posizzjoni ikkonsolidat ruħha. Dan huwa proċess naturali fil-qasam tal-ġurisprudenza.

35. Fi kwalunkwe każ, anke jekk din il-Qorti kellha, għall-grazzja tal-argument, tilqa' l-argument tal-Avukat Ġenerali u tammetti l-istqarrija tal-appellat f'dan il-każ, xorta waħda jibqa' li bl-istess stqarrija, ftit li xejn setgħa jinbidel mill-konklużjonijiet li waslet

għalihom il-Qorti tal-Maġistrati. Ir-raġuni hi li l-problema bażika f'dan il-każ tistrieħ fuq l-interpretazzjoni mogħtija lill-fatti dwar l-intenzjoni li tqarraq b'dak li jkun u l-konsegwenti xjenza tal-falsita wara dikjarazzjoni falza intiża biex jittieħed vantaġġ għad-dikjarant jew għal ħaddieħor meħtieġa biex ikunu jistgħu jitqiesu integrati l-ewwel u t-tielet reat ipotizzat kontra l-appellat f'dan il-każ. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) waslet għall-konklużjonijiet tagħha kontra tali dolo f'dan il-każ bażat fuq l-assjem tal-provi prodotti, kif dettaljat fis-sentenza tagħha – lil hinn minn dak li rriżulta fl-istqarrija tal-appellat. L-istqarrija tal-appellat meħuda fl-isfond tal-provi l-oħra prodotti xorta waħda mhix determinanti biex tinbidel il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ.

36. B'hekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

37. Kif ġie spjegat iżjed il-fuq, il-pern ta' dan l-appell huwa li skont l-Avukat Ġenerali, meta wieħed jagħrbel il-provi prodotti, irid jasal għall-konklużjoni li l-appellat kien jaf li kien qiegħed jipproduċi *invoice* manwali lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-fini ta' rimbors meta din l-*invoice* ma kienetx tirrifletti l-prezz reali li kien tħallas lill-Aġent tal-Ivvjaġġar. Dan kien jafu peress li apparti l-*invoice* manwali kien hemm dik ġenerata bil-kompjuter li kienet tikkontjeni l-prezz veru mħallas għall-biljett tal-ajru li kien ikun skontat u dan l-iskont ma kienx jiġi mogħti lill-Kumitat tar-Reġjuni li kien iħallas, iżda kienet tibbenefika minnu l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-argument tal-Avukat Ġenerali allura huwa li din l-iskema kienet waħda truffaldina peress li l-Kumitat tar-Reġjuni kien qiegħed jiġi kostrett iħallas il-prezz ta' biljett tal-ajru *full flexible business class* sħiħ mentri effettivament dak li kien effettivament jiġi mħallas sabiex l-appellat ikun jista' jsiefer fuq xogħol tal-Kumitat tar-Reġjuni kien il-prezz skontat mill-Aġenzija tal-Ivvjaġġar. Dan l-iskont ma kienx qiegħed imur favur il-Kumitat tar-Reġjuni iżda kienet qegħda tibbenefika minnu l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' fondi li kellha mingħand il-Gvern Malti f'dak iż-żminijiet.

38. F'dan il-każ hemm qbil bejn il-partijiet li l-appellat ma kienx involuta f'din l-iskema biex jagħmel qliegħ għalih personali. Hemm qbil li fejn kien ikun hemm differenza fil-prezz tal-biljetti tal-ajru li kienu skuntati għal dawk imħalsa mill-Kumitat tar-Reġjuni, din id-differenza kienu tmur fl-aħħar mill-aħħar fil-kontijiet tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali direttament jew indirettament billi fejn id-delegat kien jirċievi r-rimbors, dik id-differenza kien

imbagħad jgħaddiha lill-Assoċjazzjoni. Jidher ukoll li hemm qbil li għajr għal xi titjiriet li kienu saru fil-bidu ta' meta d-delegazzjoni Maltija bdiet tieħu sehem fil-Kumitat tar-Reġjuni, id-delegati Maltin, allura inkluż l-appellat, kienu jsiefru *business class* skont kif jirriżulta li kienu intitolati li jagħmlu mill-istess Kumitat tar-Reġjuni sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw għall-laqgħat li kien ikollhom. L-anqas ma ġie kontestat li bħala regola l-*boarding passes* sottomessi lill-Kumitat tar-Reġjuni għas-safra, kienu jindikaw fejn ikun hemm prezz skontat billi kien ikun hemm l-ittra "D" miktuba fuqhom biex tindika li l-biljett kien suġġett għal skont. L-anqas ma ġie dubitat li l-informazzjoni dwar il-fatt li fejn kienu qegħdin jiġu maħruġa żewġt dokumenti : wieħed bil-kitba u l-ieħor stampat bi prezzijiet differenti għall-istess biljett tal-ajru kienet tirriżulta *palam* mid-dokumentazzjoni misjuba f'dan il-każ. Għalkemm hemm ukoll korrispondenza li turi li parti mill-ilment li kien qiegħed isir mill-Kumitat tar-Reġjuni kien li l-prezzijiet li kienu qegħdin jiġu mitluba għall-biljetti tal-ajru kienu iżjed minn dawk li kienu indikati fis-suq, hemm qbil ukoll li almenu l-parti l-kbira ta' dawk il-prezzijiet li kien jiġi mitlub ir-rimbors għalihom ma kienx jaqbeż il-massimu għal dawk il-biljetti tal-ajru *fully flexible business class* f'dawk iż-żminijiet. Fil-fatt dak li kien għokor għajnejn il-Kumitat tar-Reġjuni u l-OLAF fl-investigazzjonijiet tagħhom kien l-użu wisq frekwenti ta' invoices għal biljetti tal-ajru li dejjem kienu jiġu mogħtija l-istess prezz daqslikieku dan kien xi prezz fiss.

39. Fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minkejja dak spjegat minn Ian Micallef fix-xiehda tiegħu, skont ir-Regolament 325 tal-2004 dak li l-Kumitat tar-Reġjuni kien obbligat li jħallas kienu "air transport expenses **actually paid**", għalkemm mhux kontestat li setgħu jiġu wkoll rimborsati xi spejjeż amministrattivi marbuta mal-qtugħ tal-biljetti tal-ajru marbuta ma' dan is-safar. L-*invoice* tal-Aġent tal-Ivjaġġar li kienet tiġi preżentata lill-Kumitat tar-Reġjuni kienet tkun bil-kitba u bil-prezz sħiħ: iġifieri mhux il-prezz skontat li allura jkun ġie mħallas biex id-delegat Malti jkun jista' jmur għal dawn il-laqgħat.

40. Apparti minn hekk, għalkemm jidher li kien hemm ukoll possibilità li spejjeż amministrattivi marbuta max-xiri tal-biljetti tal-ajru għal dawn il-vjaġġi setgħu ukoll ikunu rimborsati "*on presentation of the travel agency invoice*", ma jirriżultax li dawn l-ispejjeż kienu jiġu indikati speċifikament fuq din il-fattura. Ian Micallef jispjega li dik id-differenza bejn il-prezz sħiħ u dak

skontat kienet ukoll tmur għand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tagħmel tajjeb għal dawk l-ispejjeż li għalihom ukoll, bħal-possibilita li jsiefru *business class*, jinsisti li huma kienu intitolati għaliha.

41. Biex jilqa' għall-argument tal-Avukat Ġenerali, l-appellat igħid li huwa bl-ebda mod ma rreka dannu lill-Kumitat tar-Reġjuni u bl-ebda mod ma truffah in kwantu dak li l-Kumitat irrimborsa kien jaqa' fil-parametri ta' dak li huwa **leġittimament** kien intitolat għalih – ossija li jsiefer *business class* kif fil-fatt għamel; kif ukoll li huwa u l-anqas l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qatt ma talbu u wisq anqas ħadu ċenteżmu iżjed minn dak li huwa kien allura intitolat għalih. Skontu dan kien allura jeskludi wieħed mill-elementi materjali tar-reat tat-truffa ossija li wieħed jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor. L-appellat isostni li huwa ma għamlet ebda ħsara lill-Kumitat tar-Reġjuni meta dan irrimborsa ammont ta' flus marbuta ma' modalita ta' safar li kien intitolat għalih u li effettivament wettaq. Dan allura kien imur lil hinn mill-aspett tan-nuqqas ta' *dolus* meħtieġ f'dan il-każ.

42. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-fatt verament kienet kritika lejn dan il-*modus operandi* dwar il-proċedura tar-rimborsi tal-ispiża marbuta mal-biljetti tal-ajru. U bir-raġun. Mid-dehra tiegħu dan l-arranġament li kien ġie approvat mill-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mħaddem għal diversi snin kien fil-fatt qiegħed jissarraf filli l-Kumitat tar-Reġjuni kien qiegħed iħallas flus fil-forma ta' rimborsi għal spejjeż ta' biljetti tal-ajru li ma kienux jirrappreżentaw il-prezz effettivament imħallas mill-Assoċjazzjoni għall-biljetti tal-ajru in kwistjoni. Anke jekk għall-grazzja tal-argument dak rimborsat kien jaqa' fil-parametri tal-massimu tal-prezzijiet għall-modalita tas-safar *business class* li għalih kienu intitolati li jsiefru d-delegati Maltin għall-laqgħat tal-Kumitat tar-Reġjuni jibqa' l-fatt li skont ir-Regolamenti maħruġa għal dan il-Kumitat ir-rimbors kellu jkun għall-prezz tal-biljetti tal-ajru attwalment imħallsin – "*air transport expenses actually paid*". Dak li kien *actually paid* mid-delegazzjonijiet Maltin ma kienx dejjem il-prezz li kien jidher fuq il-fattura magħmula bl-idejn mgħoddija għar-rimbors lil Kumitat tar-Reġjuni mill-istess delegati Maltin iżda ġeneralment kien ikun il-prezz skontat mill-Aġenzija tal-Ivjaġġar Maltija.

43. Huwa paċifiku li d-differenza bejn wieħed u l-ieħor kienet tmur a vantaġġ tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mhux tal-Kumitat

tar-Reġjuni. Kien biss wara li l-Kumitat tar-Reġjuni intebaħ bil-proċedura adottata mid-delegazzjoni Maltija li imbagħad eżiġa li r-rimbors kellu jmur għandu. Ian Micallef jispjega li l-flus li kienu jiġu ottjenuti mir-rimborsi rappreżentanti din id-differenza kienu meħtieġa biex din l-Assoċjazzjoni jkollha flus biżżejjed biex tkun tista' tlaħħaq mal-ispejjeż dejjem jikbru li din l-Assoċjazzjoni kienet qed tlaqqa' wiċċha magħhom issa li Malta daħlet tifforma parti mill-Unjoni Ewropea. Micallef jixhed li l-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern Malti ta' dak iż-żmien ma kienetx biżżejjed biex tlaħħaq ma' dawk l-ispejjeż. B'hekk l-Assoċjazzjoni u l-Kunsilliera riedu jaraw kif jagħmlu biex jimmassimizzaw il-potenzjal tad-dħul għal din l-Assoċjazzjoni biex tkun tista' taħdem u tlaħħaq mal-obbligi li din għandha. Insomma każ tipiku Malti tal-"Arte di Arrangiarsi"..

44. Biss biex din is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja - skont kif deskritta minn Micallef fix-xiehda tiegħu tkun tista' tiġi indirizzata - Micallef, għalkemm huwa Avukat, stqarr li huwa ma kienx joqgħod lura milli jfittex il-pariri professjonali ta' min jifhem iżjed minnu meta jiġi biex jieħu ċerti deċiżjonijiet importanti. F'dan il-każ, il-pariri kienu meħtieġa biex hu, flimkien mal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jaraw ftit x'setgħu jagħmlu biex mill-allokazzjonijiet finanzjarji li kienu disponibbli għalihom għas-safar mill-Kumitat tar-Reġjuni marbuta max-xogħol ta' dan il-Kumitat, jieħdu l-iżjed benefiċċji possibbli u jġibu flus lejn Malta, sabiex isaħħu l-finanzi tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tkun tista' tkompli topera fl-isfond tad-diffikultajiet u nuqqasijiet finanzjarji tagħha.

45. U kien hawn fejn issa daħal fix-xena l-parir mogħti mill-Awditur li Micallef kien avviċina sabiex ikun jista' jidderieġi lilu u lill-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni fuq dan il-każ. Mix-xiehda ta' Ian Micallef jirriżulta li l-kwistjoni dwar ir-rabta bejn l-iskonti li setgħet tottjeni l-Assoċjazzjoni u r-rimborsi ta' flus li setgħu jiġu ottjenuti biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż amministrattivi tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u spejjeż oħra kienet il-meritu tal-parir speċifiku mitlub minn Awditur rinomat. Dan l-Awditur jirriżulta li kien tahom parir pożittiv dwar is-sistema tad-discounts fuq il-prezzijiet tal-ivjaġġar u kif dawn setgħu jiġu proċessati mill-Assoċjazzjoni.

46. Jirriżulta mhux kontestat li kemm Micallef kif ukoll l-Eżekuttiv kienu proċedew in bażi għal dan il-parir intiż li jtihom direzzjoni dwar kif l-aħjar jagħmlu biex jimmassimizzaw dawk l-

allokazzjonijiet finanzjarji marbuta mal-ivjaġġar tad-delegati Maltin. It-tħaddim ta' dawn l-iskonti, id-*discounts*, bil-proċedura ta' rimborsi kif ġiet imħaddma mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sussegwentement, imbagħad wasslet għall-ilment mill-Kumitat tar-Reġjuni li eventwalment wassal għall-investigazzjoni mill-Olaf u l-eventwali prosekuzzjoni f'dan il-każ.

47. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li fid-dehra tagħha din l-iskema ma kienetx tidher li tirrifletti u tirrispetta l-kelma tar-regolament marbut mar-rimborsi tal-ispejjeż tat-trasport bl-ajru. Id-delegati Maltin u l-membri fl-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – li mhux kontestat li mxew fuq id-direzzjoni mogħtija minn Ian Micallef wara l-parir li kien ingħata minn dan l-Awditur (u li mix-xiehda tiegħu jirriżulta li kien midħla fil-qasam tal-operat tal-Gvern u Awtoritajiet Governattivi f'Malta) - kienu qegħdin iħadmu din l-iskema bil-*modus operandi* skont kif spjegat f'dan il-każ kontinwament u fid-dawl tax-xemx.

48. Il-kwistjoni allura hi kemm dawn in-nies, u allura inkluż l-appellat, ħadmu din l-iskema bl-intenzjoni li jittruffaw lill-Kumitat tar-Reġjuni meta dawn kellhom dan il-parir professjonali li kien qiegħed jiżhen fuq id-deċiżjonijiet tagħhom.

49. L-Avukat Ġenerali ftit li xejn tagħti piż lil piż li dak il-parir ġab miegħu u tinsisti li f'dan il-każ kien jissussisti r-reat ta' truffa in kwantu tgħid li kien hemm :

(a) adoperati mezzi kontra l-Liġi – in kwantu jirriżulta li r-regolament tar-rimbors tal-ispejjeż ma ġiex imħares peress li ġew mitluba rimborsi ta' prezzijiet tal-biljetti tal-ajru li effettivament ma kienux ġew imħalsa għas-safar tad-delegati Maltin in kwantu l-Assoċjazzjoni kienet tħallas prezzijiet skontati lilha mill-Aġenzija tal-Ivjaġġar u li kienu anqas minn dawk preżentati għar-rimbors;
(b) il-messa in xena, raġġiri jew artefizji - konsistenti fil-fatt li kienu jinħarġu żewġt fatturi differenti bi prezzijiet differenti – wieħed skontat u l-ieħor mhux, bil-Kumitat tar-Reġjuni jiġi indott f'li jemmen li kienu ġew imħallsin il-prezzijiet għola indikati fuq il-fattura miktuba bl-idejn mentri fil-fatt dawn ma jkunux ġew imħallsin in kwantu dak imħallas kien ikun il-prezz skontat;
(c) il-qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor - konsistenti fil-fatt li l-Assoċjazzjoni tkun allura ġiet rimborsata prezz ta' biljetti tal-ajru li hi effettivament ma tkunx ħalset in kwantu tkun ħalset

prezz anqas li kien skuntat u allura inkassat għall-benefiċċju tagħha d-differenza bejn il-prezz sħiħ għal dak it-tip ta' biljett u l-prezz skontat offrut lilha mill-Aġenzija tal-Ivjaġġar Maltija għall-istess vjaġġ; u li

(d) dan kollu kien sar bl-għarfien sħiħ tad-delegati Maltin li jkunu siefru fuq dawn it-titjiriet, inkluż allura l-appellat, liema għarfien jikkonferma d-dolus tiegħu f'dan il-każ.

50. Din il-Qorti taqbel mal-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ ma jirriżultax li kien imħares il-kliem tar-regolament marbut mar-rimbors in kwantu l-ħlas li sar mill-Kumitat tar-Reġjuni għall-biljetti tal-ajru f'dan il-każ ma kienx dak **<u>effettivament imħallas</u>** għas-safar tad-delegati Maltin. Il-fatt li d-delegati Maltin kienu intitolati li jsiefru *full flexible business class* ma jfissirx li huma kellhom il-jedd li jirċievu huma fi flus kontanti il-massimu tal-prezz tal-biljett tal-ajru <u>anke jekk effettivament ma jkunux ħalsu dak il-prezz</u>.

51. Dak li kienu intitolati li jiġi rimbursat lilhom kien il-prezz effettivament imħallas minnhom għal dak il-biljett tal-ajru. Jekk dak il-prezz li kien jiġi mħallas kien jammonta għall-massimu li għalih kien jinbiegħ dak il-biljett, allura huma kienu intitolati li jitħallsu għalih fil-massimu tiegħu. Imma ma setgħux għall-istess biljett effettivament iħallsu prezz skontat biex imbagħad jitolbu rimbors għall-prezz sħiħ.

52. Anke jekk il-prezz li huma għamlu t-talba għar-rimbors tiegħu kien jaqa' fil-parametri ta' dak li huma setgħu kienu intitolati għalih (li kieku effettivament nefquh) ma jfissirx li l-Kumitat tar-Reġjuni ma sofriex ħsara b'dik l-azzjoni tagħhom. Il-ħsara kienet dovuta għall-fatt li skont ir-regolamenti huma kienu intitolati jitħallsu lura tal-prezz attwalment imħallas minnhom għal biljetti tal-ajru fil-kategorija tal-*fully flexible business class* mentri huma, kontra dan ir-regolament kienu ġeneralment jitolbu rimborsi għal dik il-kategorija ta' biljetti meta l-prezz attwalment imħallas minnhom kien ikun ġie skuntat. Il-prezz attwalment imħallas minnhom allura kien dak li jkun ġie skontat u mhux dak mhux skontat li huma kienu jippretendu li kienu intitolati għalih. Din id-differenza bejn il-prezz attwalment imħallas għal dak il-biljett u l-prezz sħiħ mingħajr skont għal dak l-istess biljett kienet allura l-ħsara sofferta mill-Kumitat tar-Reġjuni f'dan il-każ.

53. Irid jerġa jiġi ribadit li f'dan il-każ hemm qbil (u nġabitx prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien il-kuntrarju ta' dak

li se jingħad) li l-appellat ma pparteċipax fit-twettieq ta' din l-iskema bi prospett ta' qliegħ għalih personali.

54. Kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll l-Avukat Ġenerali qiesu l-fatt li meta nħarġu żewġt fatturi differenti biex jiġġustifika d-differenza bejn il-prezz imħallas u dak pretiż (anke jekk sal-massimu ta' dak li setgħa kien il-prezz *fully flexible business class* ta' dak iż-żminijiet) dan l-att kien jikkostitwixxi l-*messa in scena* għall-fini tar-reat ta' truffa. Stando mal-iżviluppi ġurisprudenzjali li seħħew matul iż-żminijiet marbuta mar-reat ta' truffa, din il-Qorti jidhrilha li l-ġurisprudenza Maltija, daqskemm il-matriċi Taljana, maż-żmien waslu sabiex idgħajfu d-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u dak tal-frode innominata in kwantu l-parametri tat-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi t-truffa vera u proprja ġew imwessa' b'mod li anke dak li tradizzjonalment ma kienx jaqa' fil-parametri tal-*messa in scena*, raġġiri jew artefizi, maż-żmien ġie ritenut li jinkwadra f'dawk il-parametri. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx, legalment u raġonevolment tqis din il-prattika tal-ħruġ ta' żewġt fatturi separati bħala forma ta' raġġiri jew artefizji li kieku kommessi dolożament.

55. Il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ hija konvinta li l-appellat kien konxju minn dan kollu u pparteċipa f'din l-iskema ta' rimborsi konxju mill-effett li din il-parteċipazzjoni kienet qegħda tħalli.

56. Mill-banda l-oħra ġie pruvat mid-difiża, sal-grad tal-probabbli, li fil-bidu tat-tħaddim ta' din il-proċedura ta' rimborsi tal-biljetti tal-ajru ma kienx hemm xi spjegazzjoni ċara mill-Kumitat tar-Reġjuni dwar kif kellhom jitħaddmu dawn l-iskemi, għajr għar-regolamenti infushom li minnhom jitnisslu l-proċeduri ta' rimborsi tal-istess Kumitat. Ġie pruvat ukoll sal-grad tal-probabbli li l-membri tal-Eżekuttiv – sa minn qabel id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea – kienu qegħdin jagħmlu li jistgħu biex ikunu jistgħu jaraw kif se jġibu xi forma ta' finanzjamenti u rimborsi għall-attivitajiet u safar li huma kien ikollhom marbuta max-xogħol tagħhom fil-qasam tal-Kunsilli Lokali u fix-Xogħol tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-għan tagħhom kien li jieħdu li jistgħu għall-benefiċċju tal-operat tal-Assoċjazzjoni.

57. Ġie wkoll pruvat soddisfaċentement li qabel ma bdiet titħaddem l-iskema tar-rimborsi tal-prezz tal-biljetti tal-ajru Ian Micallef, minkejja li kien Avukat, kien ottjena l-parir ta' Awditur rinomat dwar kif setgħu jimmassimizzaw dan il-potenzjal u fuq

dan il-parir ġiet elaborata din l-iskema. Ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li dan il-parir kellu piż enormi fuq it-tħaddim ta' din l-iskema minn dawk kollha involuti fiha.

58. Iżda din ma waqfitx hemm għax dil-proċedura kienet ukoll għaddiet għall-attenzjoni ta' kumpanija t'Awdituri indipendenti delegata mill-Awditur Ġenerali. Meta xehed dan it-tieni Awditur dwar il-proċedura tal-iskonti tal-biljetti tal-ajru u r-relattivi rimborsi mill-Kumitat tar-Reġjuni ma jirriżultax li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni jew tad-delegati Maltin li kienu jħadmuha dwar xi irregolarita fil-mod kif kienet qegħda titħaddem din l-iskema.

59. Biex l-istorja tkompli titħawwar, dawn il-kontijiet eventwalment tpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti u anke hemm ħadd ma qajjem xi irregolarita dwar it-tħaddim tagħha. Anzi intqal ukoll li kien hemm kliem ta' tifħir għall-operat tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

60. F'dan il-każ partikolari kien hemm diversi fatturi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li fi ftit kliem waslu sabiex jiġi ritenut li l-appellat (u delegati Maltin oħra involuti) ma aġixxewx dolożament f'dan il-każ minħabba l-konġunzjoni ta' diversi fatturi esterni li ħadmu lkoll flimkien biex induċew lill-appellat jikkonkludi li din l-iskema ta' skontijiet fuq il-biljetti tal-ajru u l-proċedura ta' rimborsi kienet waħda leġittima. Dawn il-fatturi allura kienu jinkludu:

(a) Il-piż li l-parir professjonali ta' Awditur magħruf fil-qasam tiegħu kien ġab dwar il-materja ta' *discounts* u *capping* ta' spejjeż amministrattivi f'dan il-kuntest; dan il-piż tal-parir professjonali kien imsaħħaħ mill-kwalifiki, esperjenzi u reputazzjoni ta' dak l-Awditur u għall-kuntest li fih il-parir ingħata,
(b) il-kuntest ta' proċess ta' deċiżjonijiet li kien meħud fl-ambitu tal-Eżekuttiv ta' Assoċjazzjoni wara debiti diskussjonijiet;
(c) il-fatt li d-delegati Maltin kienu adoperaw dak il-*modus operandi* mingħajr wisq kwistjonijiet;
(d) il-fatt li ħadd mir-rappreżentanti tal-Kumitat tar-Reġjuni għal xhur u snin sħaħ ma qatt ġibdilhom l-attenzjoni li kienu qegħdin jadoperaw xi proċedura irregolari – anke jekk kienu ġeneralment jissottomettu *invoice* manwali u *boarding passes* b'indikazzjoni li l-prezz tal-biljetti kien skontat;

(e) il-fatt li dak l-operat tagħhom kien ġie awditjat minn uffiċju ta' Awdituri indipendenti u li ma ġibdulhomx l-attenzjoni dwar xi irregolarita fil-*modus operandi* tagħhom;

(f) il-fatt li l-kontijiet awditjati tal-Assoċjazzjoni kienu wkoll sottomessi lill-organi tal-Kamra tar-Rappreżentanti u li l-anqas minn hemmhekk ma kien hemm indikazzjoni li l-*modus operandi* kien hemm xi ħaġa irregolari fih,

(g) kif ukoll li wara korrispondenza skambjata mas-Segretarjat tal-Kumitat tar-Reġjuni - li snin wara li bdiet titħaddem din il-proċedura beda jistaqsi iżjed dettalji dwarha - kien ukoll tahom x'jifhmu li l-ispjegazzjonijiet mogħtija minnhom kienu nstabu sodisfaċenti u neħħa s-sospensjoni għar-rimborsi li kien impona ftit xhur qabel.

61. Dawn il-fatturi allura wasslu lill-appellat u delegati oħra jiġu indotti jaħsbu u jemmnu li dik il-proċedura proposta kienet proċedura leġittima u li setgħet titħaddem trankwillament. Fi ftit kliem il-pariri professjonali, awditjar estern u fatturi korroboranti saħħew fl-appellat il-konvinzjoni li ma kien hemm xejn ħażin fit-tħaddim ta' din l-iskema ta' skontijiet u rimborsi tal-biljetti tal-ajru. Dan allura wassal biex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-għaqda ta' dawn il-fatturi kollha flimkien ġiegħlu lill-appellat jiġi indott fi żball ta' dak li kienet il-posizzjoni legali u fattwali korretta b'mod li allura s-somma totali ta' dawn il-fatturi flimkien xejnu dak li setgħet kienet l-intenzjoni doluża f'dan il-każ.

62. Il-ġurisprudenza tgħallem li l-injoranza tad-dritt jew tal-għarfien tal-Liġi ma tistax titqies bħala xi skużanti. Mill-banda l-oħra hawnhekk hawn xenarju li fih elementi kemm ta' żball ta' dak li huwa d-dritt kif ukoll dak li huwa żball tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat. Issa kwantu għall-iżball tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat, fil-ġurisprudenza ingħad:

> Biex l-iżball tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat ineħħi l-imputabilita, dan irid jammonta għal "nozione piena e contraria alla realta'; u għall-iżball tal-fatt mhux ekwiparabbli d-dubju, li hu "scienza incompleta", kif isejjaħlu l-Borghese, jew "scienza alternativa", kif isejjaħlu l-Manzini.[10]

63. Mill-banda l-oħra kwantu għall-iżball fuq il-posizzjoni legali, ġie wkoll pruvat sal-grad tal-probabbli li anke Ian Micallef, li kien avukat, ma qabadx u aġixxa b'għajnejh magħluqa. Il-kwistjoni li kellu quddiemu għaraf li kienet waħda teknika u kien għalhekk li

[10] **Il-Pulizija vs. Romeo Buhagiar**, QK, 25 ta' Lulju 1959.

ħaseb li jieħu parir ta' persuna kwalifikata u b'esperjenza kbira fil-qasam pubbliku. Kien biss wara li ħa dan il-parir tekniku li abbażi tiegħu, ġie adottat f'dak li deher li kienet l-implimentazzjoni tal-proċedura dwar kif isiru r-rimborsi għall-biljetti tal-ajru li jkunu ġew użati mid-delegati Maltin li jsiefru fuq xogħol tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea. Dan il-fattur juri li f'din il-materja kumplessa, anke dan l-Avukat ħass il-ħtieġa ta' konfort professjonali lil hinn minn dak li hu stess kien preparat dwaru.

64. Verament li jekk wieħed iħares iżjed minn lenti kritika lejn il-prattika tad-*discounts* fuq biljetti tal-ajru u jistħarriġha mill-lenti ta' dak li r-regolament 3.3 regolanti l-proċedura tar-rimbors tal-biljetti tal-ajru marbuta max-xogħol tal-Kumitat tar-Reġjuni wieħed setgħa jara li dawn ma kienux neċessarjament u faċilment rikonċiljabbli. Mill-banda l-oħra jekk imbagħad dwar dan il-punt kien, in buona fede, inkiseb parir professjonali minn professjonist kredibbli u kompetenti li ma kienetx neċessarjament tirrikonċilja dawn iż-żewġt fatturi, mill-banda l-oħra setgħet raġonevolment u soġġettivament nisslet il-konvinzjoni u s-serħan il-moħħ ta' dawk li semgħuha u segwewha bħala li kienet tirrifletti *modus operandi* li kien tajjeb u leġittimu fiċ-ċirkostanzi anke tenut kont tan-novita u l-komplessita tal-proċedura nnifisha.

65. F'dak il-kuntest allura anke lenti kritika ċara setgħet faċilment tittappan. Wara kollox ma nġabitx prova sodisfaċenti li fl-istadju meta ttieħed dan il-parir kien hemm xi raġuni għaliex wieħed kellu raġonevolment jiddubita mill-professjonalita tiegħu. Jirriżulta li min semgħa minn dan il-parir ħaddem dak li kien fehem fil-proċedura de quo, u dawk li segwew din il-proċedura komplew jagħmlu dan fid-dawl tax-xemx. Ma kienx hemm segretezza jew ħabi. Anzi jirriżulta li din il-proċedura tħaddmet b'mod miftuħ inkluż billi l-korrispondenza u d-dokumenti marbuta mat-tħaddim tagħha kienu disponibbli. Fuq bażi ta' probabbilita dawk involuti dehru li kienu qegħdin jaġixxu ġenwinament fuq dak il-parir li ingħataw.

66. Indipendentement mill-parir professjonali li ingħataw, anke l-mod kif żvolġew il-kumplament tal-fatti kompla soġġettivament irrinforza l-ħsieb u serraħ ras dawk involuti fit-tħaddim ta' din il-proċedura. Semmai l-iżball kompla saħħaħ lilu nnifsu bil-konvinzjoni li kollox kien sejjer sew iżjed ma dik il-proċedura kompliet titħaddem mingħajr indikazzjoni li kien hemm xi ħaġa ħażina fiha. Fil-fatt meta l-fatturi miktubin bl-idejn kienu jiġu

sottomessi flimkien mal-*boarding passes* li kienu jindikaw kodiċi tad-*discount*, ħadd mill-Kumitat tar-Reġjuni ma ġibed l-attenzjoni tal-appellat li kien hemm xi ħaġa mhix sew jew irregolari fid-dokumenti sottomessi għar-rimbors. Ir-rimborsi kienu qegħdin isiru regolarment mingħajr ma kien hemm xi reklam jew protesti mill-Kumitat tar-Reġjuni.

67. Inoltre, l-proċedura u l-kontijiet kienu jiġu wkoll awditjati minn Awditur delegat li kien indipendenti u li l-anqas dan ma ġibed l-attenzjoni li l-proċedura tal-bejgħ tal-biljetti u r-rimborsi relattivi kienet b'xi mod irregolari. Il-fatt ukoll li dawn il-kontijiet kienu jiġu mqegħda fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti wkoll ikkontribwiet biex tirrinforza l-kunfidenza f'dawk involuti li l-proċedura segwita kienet sewwa, anke jekk oġġettivament setgħet ma kienetx.

68. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha flimkien waslu sabiex l-appellat, fost l-oħrajn involuti, ġew indotti biex ġenwinament jemmnu li l-azzjonijiet tagħhom fit-tħaddim ta' dik il-proċedura, ma kienetx bi ksur tal-Liġi.

69. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha meta qieset li f'dan il-każ l-element tad-dolo ma ġiex soddisfaċentement ippruvat sal-grad meħtieġ skont il-Liġi.

## Ikkunsidrat

70. It-tielet imputazzjoni hija dik tal-kompliċita fid-dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika fis-sensi tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jgħid:

> Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel,

71. F'dan il-każ dak li ġie pruvat bħala fatt huwa li diversi drabi, għall-istess biljett tal-ajru fil-kategorija *business class* l-Aġenzija tal-Ivjaġġar kienet ġeneralment tipprovdi żewġ dokumenti marbuta mal-prezz ta' dak il-biljett f'dik il-kategorija – dokument manwali li kien jindika l-prezz sħiħ għal dak il-biljett u li kien jiġi preżentat mid-delegati Maltin u dokument ieħor stampat li kien jindika l-prezz

skontat għal dak l-istess biljett u li kien effettivament jiġi mħallas lill-Aġenzija tal-Ivjaġġar.

72. Ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li l-prezz sħiħ indikat fuq id-dokument manwali kien prezz falz, ossija li ma kienx il-prezz għal dak il-biljett f'dik il-kategorija tal-*business class* li kien jirreferi għalih. Id-dokument manwali **fih innifsu** ma ġiex pruvat li kien jikkontjeni xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew li kien jagħti tagħrif falz. Id-dokument fih innifsu kien sal-grad tal-probabbli pruvat li kien jikkontjeni informazzjoni korretta. Semmai huwa l-kuntest maħluq bl-użu ta' dak id-dokument li setgħa kien il-meritu ta' reat kriminali.

73. Jekk dak id-dokument manwali kien jikkontjeni l-prezz għal biljett tal-ajru fil-kategorija *business class* partikolari u dak il-prezz kien jikkorrispondi verament għall-prezz li kien jiswa dak il-biljett, dak id-dokument ma jistax jingħad li kien fih xi dikjarazzjoni, stqarrija jew tagħrif falz b'riferenza għal dak li kien jikkontjeni fih. Huwa l-fatt li dak id-dokument kien qiegħed jiġi użat sabiex jintalab rimbors tal-prezz indikat fuqu meta l-persuna li tkun qed tippreżentah kienet taf li prezz effettivament imħallas għal dak il-biljett ma kienx dak indikat fuq dak id-dokument iżda li kien prezz inqas li semmai setgħa kien jikkostitwixxi reat. Id-dokument manwali fih innifsu ma ġiex pruvat li kien jikkontjeni xi "gidba".

74. Kien setgħa jiġi integrat dan ir-reat li kieku ġie soddisfaċentement ippruvat li l-appellat, biex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifisu jew għal ħaddieħor, xjentement **f'dak l-istess dokument irrenda ruħu kompliċi fl-għemil tad-dikjarazzjoni, stqarrija jew tagħrif falz**. Iżda ma ġiex pruvat sodisfaċentement li l-informazzjoni fuq dak id-dokument, bħall-prezzijiet indikati fuqu ma kienux jikkorrispondi mal-prezzijiet veri u ġenwini għal dak il-biljett. Ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li bħala regola l-prezzijiet indikati fuq dawk id-dokumenti manwali kienu jkunu jikkorrispondu għal prezzijiet tal-biljetti fil-kategorija *business class* li kienu jkunu indikati fuqhom.

75. Huwa veru li dak id-dokument ma kienx iżid jgħid ukoll li min ħallas għal dak il-biljett kien ingħata skont kif kien imbagħad jidher mill-*invoice* li kienet tkun stampata u ġenerata mis-sistema kompjuterizzata tal-Aġent tal-Ivjaġġar. U allura f'dan il-versant wieħed setgħa jargumenta li għalkemm id-dokument kien ritenibbli ġenwin, però ma kienx veritjier.

76. Iżda biex dan ikun jista’ jikkostitwixxi l-falz ideoloġiku jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova wkoll li min ikun għamel dak id-dokument ikun **intenzjonalment** ġegħlu jgħid affarijiet li ma jkunux veri.

77. Issa f’dan il-każ ma ġiex soddifaċentement muri li min ifformula dak id-dokument għamel dan bl-intenzjoni li dak id-dokument ikun qarrieqi jew li dak id-dokument jiġi jgħid affarijiet li ma kienux veri. Min ħareġ dak id-dokument, fil-kuntest li nħareġ fih f’dan il-każ, ma jirriżultax pruvat li riedu jgħid gidba. Kif ribadit minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Paul Muscat** tat-30 ta’ Lulju 2004 skont l-Antolisei, li kien qiegħed jistħarreġ il-ħsieb tal-Manzini:

> Secondo l’insigne autore il falso materiale si ha quando il documento non e` genuino; il falso ideologico allorche` il documento e` bensi` genuino, ma non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero.

78. Dan qiegħed jingħad ukoll mingħajr ħsara għall-fatt li dawn il-Qrati, diġà kellhom ukoll l-okkażjoni jistaqsu kemm, fiż-żmien inkriminat, bil-Liġi kif kienet fis-seħħ f’dawk iż-żminijiet, il-Kumitat tar-Reġjuni setgħa jitqies li kien jaqa’ taħt it-tifsira ta’ “awtorità pubblika” fis-sens tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali. Biss dwar din id-diskussjoni din il-Qorti mhix sejra tinoltra ruħha.

79. B’hekk din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova sodisfaċentement l-element kollha rikjesti mill-Liġi għall-integrazzjoni ta’ dan ir-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

80. Kwantu għar-raba’ imputazzjoni, ġaladarba ma nstabetx ħtija fir-rigward tal-ewwel u tielet imputazzjoni, l-anqas setgħet tinstab ħtija fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni – u dan indipendentement mill-fatt jekk dik il-kwalifika setgħetx issib lokha f’dan il-każ.

81. F’dan is-sens allura l-appell tal-Avukat Ġenerali sejjer jiġi miċħud.

# Deċide

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**